

Brussell, 7 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14568/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0353(COD)**

ENV 951
ENT 188
MI 907
CODEC 1574

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13135/21
Nru dok. Cion:	13944/20 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

Fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020¹.

L-eżami tekniku tal-proposta qed jitwettaq mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE).

¹ Id-dokument 13944/20 + ADD 1.

Il-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, għandha l-għan li timmodernizza l-qafas leġiżlattiv tal-UE għall-batteriji, f'kuntest ta' domanda akbar għall-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji. Wara li identifikat tliet gruppi ta' problemi li jirriżultaw minn fallimenti tas-suq u tal-informazzjoni u dawk relatati mill-qrib mal-funzjonament tas-suq intern (jiġifieri n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ta' qafas li jipprovdu inċentivi għall-investiment fil-kapaċità tal-produzzjoni għal batteriji sostenibbli, funzjonament subottimali tas-swieq tar-riċiklaġġ u l-ġestjoni ta' materjali f'ċirku mhux magħluq biżżejjed, u riskji soċjali u ambjentali mhux koperti mil-liġi ambjentali tal-UE), il-proposta tistipula tliet objettivi marbuta ma' xulxin b'mod qawwi:

- it-tiżni tal-funzjonament tas-suq intern billi jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni permezz ta' sett komuni ta' regoli;
- il-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari;
- it-tnaqqis tal-impatti ambjentali u soċjali tul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batterija.

Il-Presidenza Portugiża ħarġet għadd ta' dokumenti informali u abbozz ta' test ta' kompromess dwar il-Kapitolu II (Rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza) u dwar il-Kapitolu VII (Immaniġġar ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji) u ħejjiet rapport ta' progress, li ġie eżaminat mill-Kunsill Ambjent fl-10 ta' Ġunju 2021². F'din l-okkażjoni, il-ministri indikaw diversi kwistjonijiet ewlenin pendenti, b'mod partikolari:

- il-bażi ġuridika;
- il-ħtieġa għal flessibbiltà fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji;
- il-valutazzjoni u r-restrizzjonijiet ta' sustanzi kimiċi fil-batteriji;
- ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista;

² Id-dokument 9052/1/21 REV 1.

- ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u prestazzjoni għall-batteriji;
- il-miri tal-ġbir u tar-riċiklaġġ;
- l-inklużjoni ta' kategorija separata ta' mezzi ta' trasport ħfief ta' batteriji, u
- l-iskadenzi għall-implimentazzjoni.

Il-Ministri esprimew ukoll tħassib dwar l-għadd kbir ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni.

II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL³

Il-Presidenza Slovena għamlet ħilitha biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet matul it-13-il vidjokonferenza informali li saru s'issa dwar il-proposta dwar il-batteriji. Id-diskussjoni saret prinċipalment abbażi ta' kummenti bil-miktub ippreżentati mid-delegazzjonijiet, u dokumenti informali maħruġa mill-Presidenza. Ġie ċċirkolat ukoll abbozz ta' test ta' kompromess tal-Presidenza⁴ li jkopri l-Kapitoli kollha, ħlief il-Kapitolu VII tal-proposta. It-test ta' kompromess rivedut li jkopri l-Kapitoli kollha ser jitħejja u jitqassam sa tmiem il-Presidenza.

Is-sitwazzjoni attwali dwar il-kwistjonijiet ewlenin hija kif ġej:

Bażi ġuridika

Ġie kkunsidrat jekk l-Artikolu 192 TFUE għandux jiżdied bħala bażi ġuridika għall-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li titqies b'mod partikolari n-natura tal-Kapitolu VII dwar l-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji.

³ Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew ressaq l-abbozz ta' rapport tiegħu f'Settembru li jstabbilixxi 232 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.

⁴ Id-dokument 13135/21.

Kamp ta' Applikazzjoni

Xi Stati Membri jixtiequ jissoġġettaw iċ-ċelloli tal-batteriji għall-istess obbligi bħal dawk għall-batteriji. Barra minn hekk, hemm appoġġ ġenerali biex tinholq kategorija separata ta' batteriji għall-mezzi ta' trasport ħfief tal-batteriji. Madankollu, xi kwistjonijiet relatati jibqgħu miftuħa, bħal liema rekwiżiti għandhom japplikaw għal din il-kategorija, kif jiġi organizzat il-ġbir separat ta' dawn il-batteriji u jekk dawn il-batteriji għandhomx jkunu soġġetti għal miri ta' ġbir separat.

Dispożizzjonijiet ġenerali

Il-formulazzjoni eżatta ta' xi definizzjonijiet ser ikollha tiġi adattata fi stadju aktar tard, meta jintlaħaq ftehim dwar it-test tad-dispożizzjonijiet relatati. Bl-istess mod, id-diskussjoni dwar l-iskadenzi, il-perijodi tranżitorji, l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati ser ikollha tiġi differita sakemm jiġi stabbilizzat aktar it-test tal-kompromess.

Rekwiżiti ta' sostenibbiltà

Filwaqt li hemm appoġġ ġenerali għal rekwiżiti ambizzjużi ta' sostenibbiltà, diversi Stati Membri jappellaw għal skadenzi raġonevoli bil-ħsieb li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti aktar stretti stabbiliti fil-proposta, u għal approċċi fattibbli li jikkonċernaw il-kalkolu ta' parametri differenti meta jitqies il-livell tal-impjant tal-manifattura. Tqajjem ukoll tħassib dwar il-konsistenza mar-regoli internazzjonali u l-leġiżlazzjoni settorjali. Madankollu, il-kwistjoni ewlenija fir-rigward tar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà tikkonċerna l-proċedura dwar ir-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi fejn diversi Stati Membri huma tal-fehma li s-sustanzi kimiċi għandhom jibqgħu taħt il-"kappa" unika tar-REACH.

Konformità tal-batteriji, proċeduri tan-notifika, sorveljanza tas-suq

L-Istati Membri jesprimu tħassib fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-preżunzjoni ta' konformità u l-itteżtar tal-batteriji (l-Artikolu 15) u r-relazzjoni bejn l-istandards armonizzati u l-ispeċifikazzjonijiet komuni (l-Artikoli 15 u 16), u dwar il-moduli ta' valutazzjoni għall-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji (l-Artikolu 17 u l-Anness VIII), fejn qed jiġu ssuġġeriti moduli alternattivi.

Fir-rigward tal-proċeduri ta' notifika xi Stati Membri jissuġġerixxu ċertifikat ta' akkreditament obbligatorju għan-notifika ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità (l-Artikolu 25).

Fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq, l-Istati Membri jiġbdu l-attenzjoni dwar id-duplikazzjoni potenzjali tad-dispożizzjonijiet u l-ħtieġa li jiġi żgurat aktar allinjament mat-test ta' referenza tal-qafas leġislattiv il-ġdid għall-prodotti u mar-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq.

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi

Tqajjem ħafna tħassib fir-rigward tal-obbligi tar-rappreżentant awtorizzat, il-proċess tal-ħatra tiegħu mill-manifattur, il-mandat tiegħu u r-responsabbiltajiet tiegħu. Tqajmet il-ħtieġa li jiġu indirizzati mistoqsijiet relatati mal-obbligi tas-swieq online, mar-reqwiziti biex jitneħħew u jiġu sostitwiti l-batteriji (fl-Artikolu 11) u mal-obbligi ta' operaturi ekonomiċi differenti fir-reġistru tal-produtturi fir-rigward tar-responsabbiltà estiża tal-produttur.

Rekwiżiti tal-informazzjoni u t-tikkettar u l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni

Hemm tħassib ġenerali dwar in-nuqqas ta' ċarezza u d-duplikazzjoni potenzjali tar-rekwiżiti tad-data u l-informazzjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri jiddubitaw ir-rekwiżiti tal-passaport tal-batteriji, id-data u l-informazzjoni li jinkludi u r-relazzjoni u l-konnessjoni tiegħu mas-Sistema ta' Skambju Elettroniku u mas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Batterija. Xi Stati Membri jissuġġerixxu li fl-Anness għall-proposta tiġi inkluża tabella li tistabbilixxi r-rekwiżiti kollha ta' informazzjoni.

Obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista

Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta, il-maġġoranza tal-Istati Membri jindikaw il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza mal-leġislazzjoni orizzontali, jiġifieri l-inizjattiva leġiżlattiva mħabbra dwar il-governanza korporattiva sostenibbli, u ma' atti legali jew linji gwida oħra li jirregolaw dan il-qasam.

Id-delegazzjonijiet jappoġġaw l-allokazzjoni tar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għal kapitolu separat.

Il-proċedura għall-valutazzjoni tal-konformità mal-obbligi tad-diliġenza dovuta jistħoqqilha attenzjoni partikolari, u l-Istati Membri jistiednu lill-Kummissjoni tħejji linja gwida li għandha tinħareġ fil-ħin.

III. KONKLUŻJONI

Fil-preżent, id-delegazzjonijiet iżommu riżerva ta' skrutinju ġenerali. Madankollu, abbażi tad-diskussjonijiet li saru s'issa l-Preżidenza hija tal-fehma li l-abbozz ta' testi ta' kompromess, li huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq kummenti mid-delegazzjonijiet, jikkontribwixxu sostanzjalment għall-kjarifika tat-test.

Ħafna dispożizzjonijiet ġew abbozzati mill-ġdid sabiex titjeb il-konsistenza tat-test, b'mod partikolari biex jiġu ċċarati l-obbligi ta' operaturi ekonomiċi differenti fir-rigward tat-tqegħid ta' batteriji fis-suq jew l-iżgurar tal-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji. Ġiet introdotta bidla sinifikanti fis-sorveljanza tas-suq, fir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista u fil-moduli għall-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq. Saru wkoll xi bidliet fl-istruttura tar-rekwiżiti tal-informazzjoni u t-tikkettar biex l-obbligi jiġu fformulati b'mod ċar u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet.

Madankollu, u bil-ħsieb li jiġi pprovdut qafas leġiżlattiv ċar, ser tkun meħtieġa aktar ħidma fuq kwistjonijiet ta' natura aktar orizzontali, bħal-livell ta' ambizzjoni fir-rigward tal-miri u l-iskadenzi, ir-rekwiżiti għall-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji u r-rabta mad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, il-kjarifika tal-kunċetti u l-proċessi rigward it-tieni ħaġġa tal-batteriji u, naturalment, l-ġhoti tas-setgħa lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, għadd ta' kwistjonijiet tekniċi pendent, *fost l-oħrajn* minħabba l-kumplessità tal-proposta, jeżiġu eżami ulterjuri. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-allokazzjoni ta' mezzi ta' trasport ħfief ta' batteriji għal kategorija separata, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni, il-livell ta' flessibbiltà fir-rigward tal-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji, u r-rekwiżiti għall-użu mill-ġdid jew l-adattament għal skop differenti għall-batteriji.

Id-diskussjonijiet addizzjonali ppjanati f'Diċembru dwar kwistjonijiet magħżula għandhom jippermettu aktar progress fit-tnejn ta' reviżjoni tal-proposta ta' kompromess.

Il-Presidenza Slovena hija impenjata li tkompli taħdem fuq test ta' kompromess rivedut u ser tikkoordina mal-Presidenza Franċiża li jmiss sabiex tiġi ffaċilitata l-kontinwazzjoni tad-diskussjonijiet fid-WPE u biex jiġi żgurat il-progress bla xkiel tal-fajl fil-Kunsill.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tar-rapport ta' progress u jibagħtu lill-Kunsill.
